**❖ Wieħed mill-aqwa kompożituri Maltin tal-marċi brijużi żgur li hu l-Maġġur Anthony Aquilina. L-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu matul is-snin daqqet diversi marċi tal-Maġġur, fosthom il-"Wenzinos"; "Asswero" u "Aħna t-tfal ta' Gejtu". Din is-sena l-Kummissjoni Banda ddeċidiet li toħroġ mill-arkivju tagħha wieħed mill-isbaħ marċi li qatt kiteb il-Maġġur Anthony Aquilina. Dan il-marċ jismu "Fiesta" u se jindaqq b'talba ġenerali mill-membri. F'dan l-artiklu Emmanuel Maggi jagħti ħarsa ħafifa lejn il-ħajja u l-ħidma tal-Maġġur Anthony Aquilina.**

# Il-Maġġur Anthony Aquilina .....ir-re tal-briju u l-marċi

*Jikteb Manwel Maggi*

**❐ Il-Maġġur Anthony Aquilina kien wieħed mis-surmastrijiet l-aktar magħrufa u mfittxija fil-qasam tal-mużika lokali, l-aktar fejn jidħlu l-baned u l-festi, minħabba l-għadd ta' marċi brijużi li ħarġu mill-pinna tiegħu. Ikkompona aktar minn 140 marċ, għalkemm fi kliemu stess, mhux l-ewwel darba li sab diffikultà biex jikteb marċ.**

Ir-raġuni kienet il-filosofija tiegħu, li mhux jikteb marċ u jikkuntenta ruħu bih mill-ewwel. Minħabba f'hekk mhux l-ewwel darba li l-istess marċ kitbu jew irranġah ħames darbiet qabel ikun ċert li bih se jagħti pjaċir lin-nies. Hu kien jemmen li marċ mhux xi ħaġa li wieħed joqgħod bilqegħda jiktibha jew li jintefa' fuq pultruna wara l-pjanu u joqgħod idoqqu.

Ġeneralment, il-Maġġur Aquilina kien jibni l-marċ tiegħu fuq xi melodija li tnebbħu waqt li jkun għaddej bil-karozza, waqt xi passiġġata jew waqt xi mument ta' mistrieħ. Ma kienx jaqbel ma' dawk li jaqbdu jiktbu xi marċ u jlestuh minn kollox f'ġurnata għax kif kien jgħid, dan ta' l-ewwel prova ġeneralment qatt ma jkun tajjeb u għalhekk marċ jenħtieġ li jkun mgħoddi mill-ġdid ħalli jkun mirqum sew.

Bil-mod li bih kien jaħdem fuq il-kompożizzjoni tal-marċi, is-surmast Aquilina ġieli ħa ġimgħa u anki ħmistax-il ġurnata sakemm iħossu ċert li l-marċ jilħaq il-livell mistenni, mhux biss minnu iżda l-aktar mill-pubbliku ġenerali u anki biex iqajjem l-ispirtu u l-briju tal-festa li tkun. L-istil ta' marċi l-aktar li kien iħobb jikteb il-Maġġur Aquilina kienu dawk fuq stil ta' melodija Spanjola. Dan ma setax jonqos billi kien iħobb ferm kemm il-mużika Spanjola, kif ukoll dik Naplitana. Kien forsi dan il-fattur



**Il-maġġur Anthony Aquilina....kompożitur li ħallielna diversi marċi brijużi**

li ġegħlu jintefa' l-aktar fuq din it-tip ta' mużika.

Kienet l-hena tal-Maġġur Aquilina, sa minn meta kien għadu żgħir, li jixtri diski b'mużika tango Spanjola, ġibda li hu kien baqa' jgħożż sakemm miet. Minkejja dan kollu, hu kien jagħmel ħiltu kollha biex qatt ma jimita jew jikkopja mużika ta' xi kompożitur Spanjol. Il-mużika Spanjola prodotta minnu, huwa kien jgħid, kienet toħroġ minnu nnifsu.

**• Il-bidu tal-karriera mużikali tiegħu**

Ix-xewqa għal karriera fil-mużika nibtet f'qalb il-Maġġur Aquilina sa minn meta kien għadu tifel. Ta' tmien snin kien diġà mxennaq għall-mużika u kont issibu jiġri wara l-baned. Billi l-familja tiegħu kienet tgħix f'Ħaż-Żebbuġ, hu kien miġbud ħafna lejn il-Banda San Filep. Darba mar il-każin u kellem lill-assistent surmast sabiex jitgħallem strument. Peress li dan innota fih ix-xewqa sinċiera li jitgħallem il-mużika, dan l-assistent laqgħu b'idejh miftuħa u b'hekk beda jgħallmu.

Bħala strument għażel il-klarinett u waqt il-lezzjonijiet, kull nota li kien jagħmel ħażin, kien jaqlagħha fuq subgħajh b'muftieħ li bih l-għalliem tiegħu kien iħabbat in-noti minflok bakketta. Kienet din id-dixxiplina li kompliet saħħet il-karattru tiegħu. Ta' għaxar snin ħareġ jdoqq għall-ewwel darba mal-Banda San Filep. Minn hemm kompla jistudja l-klarinett mal-Banda King's Own tal-Belt fejn l-għalliem tiegħu kien is-surmast Awstrijak Doncic.

Ġurnata minnhom kien mar il-kurunell ta' l-RMA li staqsa lis-surmast jekk kellux lil xi ħadd jipprometti u li maż-żmien seta' jilħaq surmast direttur tal-banda ta' l-RMA.

Minn naħa tiegħu s-surmast Doncic kien irrikmanda lill-Maġġur Aquilina u dan, ta' 12-il sena, daħal bħala band boy mal-RMA. Xi ħames snin wara ntbagħat l-Ingilterra sabiex jattendi kors fil-klarinett. Fi tmiem il-kors, li dam tliet snin, hu spiċċa l-ewwel minn fost 300 bandist u bħala premju rebaħ id-dritt għal borża ta' studju.

Waqt li kompla l-istudju tiegħu fuq il-klarinett, ġietu wkoll l-opportunità li jibqa' l-Ingilterra sabiex jattendi kors ta' tliet snin għal surmast mar-Royal School of Music f'Surrey. Kif kienet id-drawwa f'korsijiet simili, il-Maġġur Aquilina studja fuq l-istrumenti kollha biex ikun f'qagħda aħjar li jista' jitgħallem fuqhom; tħarreġ fid-direzzjoni tal-banda; tgħallem jikkomponi u jirranġa għall-orkestra u għall-banda militari. Matul dan il-kors hu rebaħ għadd ta' premjijiet prestiġġjużi f'kompetizzjonijiet li ħa sehem fihom.

**• Surmast Direttur tal-banda ta' l-RMA**

Meta rritorna Malta, hu ħa f'idejh it-tmexxija tal-banda ta' l-RMA. Minn sempliċi band boy, b'din il-ħatra spiċċa mill-ewwel Warrant Officer Class 1. Kif bdiet it-tieni gwerra dinjija, il-kurunell ta' l-RMA stieden lil Mro. Aquilina sabiex jitlaq il-banda u jilħaq fizzjal b'żewġ stilel. Għalkemm telaq mill-Banda, hu nħatar President Onorarju tagħha. B'dan il-mod ma tilifx il-kuntatt mal-banda u anki dderiġiha. Wara 35 sena ta' karriera militari, hu rtira mill-RMA fl-età ta' 57 sena fil-grad ta' Maġġur.

Matul il-karriera mużikali tiegħu, Mro. Aquilina kellu taħt it-tmexxija tiegħu erba' baned. Minbarra li kien surmast tal-banda tal-RMA, il-Maġġur Aquilina kien surmast għal għaxar snin tal-Banda "Duke of Connaught" ta' Birkirkara, li beda magħha fl-1946. Ma' din il-banda kien kuntent għax minbarra li kien maħbub, dejjem ngħata kull ma xtaq. Aċċident li kien nqala' wassal biex hu jitlaq din il-banda.

Fl-istess żmien, Mro. Casapinta, surmast direttur tal-Banda King's Own tal-Belt, emigra u l-Kumitat ta' din is-soċjetà avviċinah sabiex jieħu f'idejh it-tmexxija ta' din il-Banda. Għal 17-il sena sħaħ, bejn l-1957 u l-1974, il-Maġġur Aquilina kien surmast ta' din il-banda. Anki ma' din il-banda kien kuntent u ddispjaċih ħafna meta ħa d-deċiżjoni iebsa li jitlaq din il-kariga.

**• Jisfa' bla xogħol**

Hu nfatti ġie offrut post bħala manager f'fabbrika. Il-fatt ironiku hu li din il-kumpanija falliet u għalhekk il-Maġġur Aquilina spiċċa bla xogħol. Iżda kif jgħid il-Malti "kull deni ħudu b'ġid" u l-Maġġur Aquilina seta' jiddedika aktar ħin lill-kitba tal-mużika. Xi snin wara hu ngħaqad bħala surmast diretur tal-banda Sant'Antnin ta' Birkirkara, li kienet għadha kif twaqqfet.

Min jaf sewwa lill-Maġġur Aquilina jiddeskrivih bħala "bniedem tas-sajf". Ix-xitwa kien jobgħodha għax kien isib li fil-kesħa ma jkunx ispirat li jikkomponi l-mużika. Għall-kuntrarju, fis-sajf, l-hena tiegħu kienet li jintefa' fuq xi mejda jew xi pjanu u jgħaddi siegħat sħaħ jikteb u jdoqq il-mużika.

**• Ħin liberu**

Fil-ħin liberu tiegħu l-Maġġur kien iħobb ħafna joħroġ għal xi passiġġata ma' xi wħud mill-ħafna klieb li kellu. Naturalment ma kienx jonqos li hu jżur il-każini tal-baned. Dan minkejja li ma tantx kien jiffrekwenta ħafna festi. Minbarra li siefer kemm-il darba, hu kien partitarju akkanit tas-Sliema Wanderers. Hu kien iħobb ukoll jgħum



**Il-Maġġur Anthony Aquilina... kien jobgħod ix-xitwa għax bil-kesħa ma kienx isib ispirazzjoni biex jikteb il-marċi.**

u jixxemmex.

Mill-marċi kollha li kiteb il-Maġġur Aquilina, l-aktar wieħed għal qalbu kien bla dubju ta' xejn il-*"Balfrendozan"*, marċ li dejjem qies bħala wieħed klassiku, għalkemm hu tal-widna ħafna. L-isem ta' dan il-marċ hu taħlita tal-kunjomijiet ta' żewġt iħbieb kbar tal-Maġġur Aquilina, Balzan u Frendo. Tant kien għal qalbu dan il-marċ li l-Maġġur Aquilina ħalla bil-kitba illi jekk jmut, ix-xewqa tiegħu tkun li waqt il-funeral, il-banda li takkumpanjah tinkludi wkoll dan il-marċ.

Hekk seħħ fil-funeral tiegħu li nżamm nhar it-Tlieta, 24 ta' Settembru, 1985. Il-Maġġur Aquilina miet fil-21 ta' Settembru u l-Banda Sant'Antnin ta' Birkirkara, li daqqet fil-funeral tiegħu, daqqet matul il-korteo l-marċ *"Balfrendozan"*. Din aktarx kienet l-ewwel darba f'pajjiżna li waqt korteo funebri banda daqqet marċ brijuż. Fil-każ iżda tal-Maġġur Aquilina, kienet tislima xierqa u radd ta' ħajr għall-wirt li ħalla bis-saħħa tat-tħaddim tal-kapaċitajiet tiegħu bħala kompożitur ta' tant marċi li sal-lum għadhom jallegraw lill-poplu Malti fil-festi li jiġu ċelebrati.

Għalkemm għaddew is-snin minn meta tkaħħal l-aħħar kaptell tal-qabar tas-Soċjetà Filarmonika King's Own ġewwa ċ-ċimiterju ta' l-Addolorata, l-ispirtu tal-Maġġur Aquilina jerġa' jiġri fit-toroq tagħna ma' l-ewwel noti tal-marċi sbieħ u allegrużi li hu ħallilna. U dan l-ispirtu ma jnissilx fina arja ta' niket iżda nitħeġġu aktar biex, kif hu dejjem xtaq, nifirħu u nallegraw ruħna bil-kompożizzjonijiet tiegħu.